## PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN
## AVVIŻI 22 TA' SETTEMBRU 2019

**Lejla Sajfija 2019**
Il-membri tal-Museum f'Wied il-Għajn qed jistieqnu lil kulħadd għall-Lejla Sajfija 2019. Waqt din il-laqgħa ż-żgħażagħ li jattendu l-Museum se jtellgħu attività li fiha jaqsmu magħkom dak li jkunu għamlu matul is-sajf. L-attività tinkludi drama, ħin ta' talb, logħob u divertiment għall-familja kollha. **Il-Lejla Sajfija se ssir fil-bitħa tal-Museum nhar il-Ħadd 22 ta' Settembru 2019, fis-7:30pm.** F'każ ta' xita l-Lejla Sajfija ssir fis-Sala Sant'Anna.

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**
It-Tnejn 23 ta' Settembru 2019 wara l-quddiesa tas-6:30pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

***Coffee Morning***
Il-Ħamis 26 ta' Settembru 2019 fid-9.30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**AGM ta' Youths Marsaksla**
Il-Ġimgħa 27 ta' Settembru 2019 fit-8:30pm tibda l-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Youths Marsaskala fis-Sala Sant'Anna. Kulħadd huwa mistieden jattendi sabiex insegwu l-ħidma taż-żgħażagħ fil-parroċċa tagħna kif ukoll niksbu iktar informazzjoni fuq il-gruppi u l-attivitajiet li jsiru matul is-sena.

**Grupp tal-Armar**
Is-Sibt 28 ta' Settembru 2019 il-Grupp tal-Armar tal-Parroċċa ser jorganizza *pasta night* fis-Sala Sant'Anna.

**Mill-Kunsill Lokali**
Dawk kollha nteressati li jieħdu t-tilqima tal-influwenza u għandhom minn 55 sena 'l fuq huma mitluba li jgħaddu d-dettalji tagħhom fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali sa nhar is-Sibt 28 ta' Settembru 2018.

**Tberik tal-Basktijiet tal-Iskola**
Il-Ħadd 29 ta' Settembru 2019 ser issir it-tberik tal-basktijiet tal-iskola fil-quddiesa tad-9:15am. Il-ġenituri huma mħeġġa jġibu lil uliedhom għal din il-quddiesa li fiha ser jitbierku l-basktijiet tal-iskola fil-bidu tas-sena skolastika l-ġdida.

***Car Wash* quddiem is-Sala Sant'Anna**
Il-Ħadd 29 ta' Settembru 2019 ser issir *Car Wash* quddiem is-Sala S.Anna bejn is-7:00am u 12:30pm mill-membri ta' Youths Marsaskala b'risq l-istess għaqda.

**Ministri Straordinarji tat-Tqarbin**
It-Tnejn 30 ta' Settembru 2019 fis-7:00pm, fis-Sala Sant'Anna se ssir laqgħa għall-Ministri kollha tat-

Tqarbin li fil-Parroċċa tagħna jqarbnu fil-knisja parrokkjali u anke lill-morda fid-djar tagħhom.

**Festa tal-Madonna tar-Rużarju**
Il-Ġimgħa 4 ta' Ottubru 2019 huwa l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar u l-festa tal-Madonna tar-Rużarju. Fis-6:30pm quddiesa u wara purċissjoni bix-xbieha tal-Madonna tar-Rużarju. Fit-8:00pm il-puċissjoni tasal fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju fil-Villa Apap Bologna fejn tibda quddiesa b'suffraġju għall-benefatturi tal-Knisja Parrokkjali u tal-Villa Apap Bologna, il-Baruni u l-Barunessa Apap Bologna.

**Laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes**
Il-Ġimgħa 18 ta' Ottubru 2019 fis-7:00pm fis-Sala Sant'Anna ser issir laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes li ser jiżżewġu bejn Jannar u Ġunju 2020. *Bookings* mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Reġistrazzjoni tat-tfal li ser jattendu l-Museum u fiċ-Ċentri tal-Katekiżmu**
Il-ġenituri tat-tfal li twieldu fis-sena 2013 u li se jkunu Year 2 fl-iskola u li għadhom ma rreġistrawx lit-tfal għall-katekiżmu huma mitluba sabiex jirreġistraw lit-tfal fl-Uffiċċju Parrokkjali, li jiftaħ nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa bejn l-4:30pm u l-5:30pm.